MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tat-18 ta' April, 2012

Rikors Numru. 502/2009

**Joseph Galea**
**vs**
**Maria Scerri**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tar-rikorrent ipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar l-14 ta' Dicembru 2009 fejn talab lil din il-Qorti joghgobha tillikwida l-ammont illi l-intimata ghandha thallas lill-esponent rapprezentanti spejjez u sborzi illi huwa ghamel bhala parti mill-kura tal-istess annimal, tillikwida ammont rapprezentanti kera ta' stalla proprjeta tal-esponent fejn l-istess ziemel ilu jinzamm ghal dawn l-ahhar snin u tikkundanna lill-intimata thallas l-istess ammonti hekk likwidati. Bl-ispejjez kontra l-intimata li hija ingunta insubizzjoni u, bl-imghax.

Rat ir-risposta ta' Maria Scerri li giet pprezentata fit-18 ta' Jannar 2010 fejn eccepiet:

*1. “Preliminarjament, ir-rikorrenti ghandu jiddikjara, ghall-finijiet ta’ l-Artikolu 47 (1) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, jekk it-talba tieghu teccedix l-ammont ta’ hdax-il elf sitt mija u sitta u erbghin Euro u sebgha u tmenin Euro centezmu (€11,646.87).*

*2. Fil-mertu, din il-kawza giet intavolata bhala konsegwenza tal-proceduri (Avviz Numru 407/2008 CSH) ntavolati quddiem din l-Onorabbli Qorti (kif diversament presjeduta) u ghalhekk hija vessatorja.*

*3. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tar-rikorrenti huma nfondati fill-fatt u fid-dritt u bhala tali ghandhom jigu michuda, dan ghaliex, il-ftehim bejn ir-rikorrenti u d-defunt, zewg l-intimata, Francesco Saverio Scerri kien jipprovdi ghal servizzi reciproci bejn l-istess fuq bazi amikevoli.*

*4. Fil-mertu, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikorrenti gie nterpellat permezz ta’ ittra gudizzjarja datata 9 ta’ Settembru 2008 (u kif ukoll ta’ diversi ittri legali qabel l-imsemmi att gudizzjarju) sabiex, inter alia, jirritorna lill-intimata z-ziemel de quo; ir-rikorrenti baqa’ inadempjenti f’dan ir-rigward u ghalhekk, kwalunkwe spejjez u sborzi inkorsi mill-istess rikorrenti gew hekk inkorsi kapriccjosament.*

*5. Salv eccezzjonijiet ulterjuri jekk ikun il-kaz.*

*Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti Joseph Galea li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.”*

Rat in-nota ta’ l-atturipprezentata fl-atti nhar is-26 ta’ Jannar 2010 fejn iddikjara li s-sorte tal-kawza odjerna ma jeccedix is-somma ta’ Euro 11,644.

Il-Qorti rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta’ Frar 2010 fejn bi qbil bejn il-partijiet, il-Qorti awtorizzat illi din il-kawza tinstema’ kontestwalment mal-kawza fl-ismijiet ‘**Maria Scerri vs Joseph Galea’** (Rikors Numru 407/08 CSH) u dak li gie verbalizzat mill-partijiet nhar is-16 ta’ Marzu 2010 (fol. 14) fejn filwaqt li ghamlu referenza ghall-kawza

fl-ismijiet '**Maria Scerri vs Joseph Galea'** (Rikors Numru 407/08 CSH), iddikjaraw li l-provi migbura f'dik il-kawza ghandhom japplikaw *mutatis mutandi* ghal din il-kawza ukoll.

Rat l-affidavit tal-attrici **Maria Scerri** pprezentat fis-6 ta' Mejju 2009, fejn qalet li hi l-armla ta' Francesco Saverio Scerri li miet fil-11 ta' April, 2008. Ir-ragel taghha kellu d-delizzju taz-zwiemel u gieli kien imur il-Marsa jara t-tigrijiet. Ir-ragel taghha kellu habib, certu Salvu Galea li kellu l-istess delizzju pero' l-aktar illi kien jaghmilha kien ma' iben Salvu, Joe Galea. Meta Salvu Galea kien miet, ir-ragel taghha kompla din il-hbiberija mill-vicin ma' ibnu Joe.

Hija taf b'certezza li r-ragel taghha kellu tlett isrieken, zewg arnezi, zewg xarretti, karettun u kif ukoll ziemel. Wahda mix-xaretti u z-ziemel kien izommhom fir-remissa ta' Joe Galea. Xi hames snin qabel ma' kien miet ir-ragel taghha, Joe Galea kien talab lir-ragel taghha biex izommlu karozzella kbira, proprjeta' tieghu (ta' Joe Galea) fil-garaxx tar-ragel taghha. Zewgha kien accetta imma peress li ma tantx kellu spazju fil-garaxx, ir-ragel taghha kien qabad xi oggetti mill-garaxx tieghu u poggihom fir-remissa ta' Joe Galea. Ir-ragel taghha stess kien qalilha dan. Kien qalilha wkoll illi dawn l-oggetti kienu jkunu mghottija.

Xi ftit gimghat qabel ma' kien miet ir-ragel taghha, kienu gew id-dar taghha Joe Galea u t-tifel tieghu Samuel u skond kif qalilha r-ragel (ghaliex hija kienet fuq, peress illi ma tantx kienet tista' timxi), Joe Galea kien talbu sabiex ibieghlu l-oggetti proprjeta' tar-ragel taghha, li kienu qed jinzammu fir-remissa ta' Joe Galea. Hija ma tiftakarx kemm kienu offrewlu, pero' r-ragel taghha kien qalilha li Joe Galea kien tah prezz baxx hafna u ghalhekk ma bieghhomlux.

L-attrici qalet li darb'ohra wara din l-okkazzjoni, Joe Galea u t-tifel tieghu Samuel, kienu regghu marru d-dar ghandha fejn issellfu apparat li jintuza biex jinfetah id-drenagg.

Meta miet ir-ragel taghha, hija ma semghetx aktar b’ahbar Joe Galea. Hija qabbdet lin-neputi taghha, Spiridione Scerri sabiex jipprova jgib lura l-affarijiet illi kienu ghand Joe Galea u li kienu proprjeta’ ta’ zewgha. In-neputi taghha nfurmaha ‘lli Joe Galea ma riedx jirritornahom. Hija qalet lin-neputi sabiex jiehdu l-passi legali mehtiega kontra Joe Galea sabiex tiehu l-affarijiet li kienu proprjeta’ tar-ragel taghha u li llum huma proprjeta’ taghha.

Hija qalet ukoll li meta miet ir-ragel taghha, huma cedew il-kirja tal-garaxx fejn kienu jzommu l-karozzella tal-attur. L-attur kien diga’ ha din il-karozzella qabel ma’ miet ir-ragel. Hija tiftakar ukoll li meta kien miet ir-ragel taghha, sabiex jirrangaw is-sitwazzjoni minghajr ma joqghodu jidhlu l-Qorti, lil Joe Galea kienu offrewlu z-ziemel proprjeta’ tar-ragel taghha, li hu kien qieghed izommulu fir-remissa tieghu, kif ukoll li jhallsuh ghal xi tlett xhur gwiez.

Hija kienet taf illi filghodu u filghaxija r-ragel taghha kien imur fir-remissa ta’ Joe Galea, fejn ir-ragel taghha kellu z-ziemel, u barra li jitma’ lil dan iz-ziemel, kien jitma’ wkoll iz-zwiemel ta’ Joe Galea, kemm dawk li huwa kellu fir-remissa u kif ukoll iehor li kien izommu f’ghalqa. Barra minn hekk, zewgha kien ghamillu anke xi xogholijiet ta’ tibjid fir-remissa fejn kellu l-istalel u minhabba li Joe Galea kien jaghmel ukoll xoghol bil-karozzin, ir-ragel taghha kien jahsillu l-karozzin biex dan isibu lest ghax-xoghol. Minhabba f’hekk ir-ragel taghha gieli wasal id-dar wara l-hdax ta’ bil-lejl ghaliex kien jibqa’ jaghmel xi xoghol fir-remissa ta’ Joe Galea. Spiss ir-ragel taghha kien imur ukoll il-Maghtab jghin lill-attur fir-razzett li ghandu l-Maghtab.

Qalet ukoll li l-bicca l-kbira, r-ragel taghha kien ihallas certi spejjez konnessi maz-zwiemel ta’ Joe Galea bhal meta kien ikollhom bzonn in-naghal u lill-attur mhux dejjem kien jitolbu l-ispejjez li kien ikun ghamel. Dan ghaliex huma kienu hbieb kbar. Tant kien hekk illi r-ragel taghha qaghad parrinu fil-grizma tat-tifel tal-attur Joe Galea.

Rat l-affidavit ta’ **Spridione Scerri** pprezentat fis-6 ta’ Mejju 2009, fejn qal li hu jigi n-neputi tal-mejjet Frangisku Saverio maghruf bhala Saver Scerri li kien ilu mejjet mill-11 ta’ April 2008. Hu ma kellux tfal u kien jistrieh fuqu ghall-bzonnijiet tieghu specjalment ta’ trasport. Kien jafdah u kien jghidlu dak kollu li kien jaghmel ghax kien iqisu bhala t-tifel tieghu.

Hu qal li Frangisku Scerri madwar xi ghaxar snin ilu kien sar habib ta’ Joe Galea l-attur fil-kawza prezenti. Proprjament qal li kien ilu habib ma’ missier Joe Galea, imma sa fejn kien jaf hu, kien xi ghaxar snin ilu li Frangisku kien sar habib ma’ ibnu Joe. Zijuh u Joe Galea kienu dilettanti kbar taz-zwiemel u jahseb li dan kien li ressaqhom lejn xulxin, apparti li zijuh kien habib hafna ma’ missieru.

Zied jghid li l-attur kellu u ghad ghandu, sa fejn kien jaf hu, garaxx taht id-dar tieghu l-Imsida. Imbilli Galea kellu karozzin li ghadu jahdem bih sal-lum, kien izomm dan il-karozzin f’dal-garaxx flimkien ma’ zewg zwiemel. Gieli kellu wkoll tliet zwiemel imma qatt ma kellu anqas minn tnejn. Kien izomm ukoll ziemel proprjeta’ ta’ zijuh li ghadu ghandu sal-lum. Huwa kien jaf personalment illi zijuh kien jitma liz-ziemel tieghu u anke liz-zwiemel tal-attur biex ipattilu talli kien izommlu z-ziemel tieghu ghandu. Kien ukoll inaddafflu l-karozzin biex isibu lest meta jigi biex jibda x-xoghol tieghu.

Iddikjara li Saver Scerri kellu garaxx mikri ghandu ftit il-boghod minn dak tal-attur u li kien ta cavetta ta’ dal-garaxx lil Galea u ghalhekk kellu access liberu ghalih. F’dan il-garaxx, zijuh kien izomm karettun, xarretta naqra kbira, tliet isrieken u xarretta ohra zghira li kienu kollha proprjeta’ ta’ zijuh.

Xi hames snin ilu, jew ftit aktar, l-attur talab lil zijuh biex izomm f’dan il-garaxx karozzella kbira li kienet proprjeta’ tal-attur stess. Biex seta’ jsir dan, zijuh kellu jnehhi s-srieken u x-xarretta z-zghira u poggihom fil-garaxx ta’ Galea. B’hekk dawn l-oggetti gew fil-pussess tal-attur. Zied jghid ukoll illi ma’ dawn, zijuh kellu zewg arnezi li kien

izomm ghand Galea biex kultant jarma liz-ziemel tieghu li sal-lum, kien ghadu ghand Galea.

Spiridione Scerri sostna li sa fejn kien jaf hu ma kien jezisti l-ebda ftehim fuq xi hlas ta' kera li wiehed kellu jhallas lill-iehor u hu jifhem illi l-affarijiet li nzammu ghand xulxin kienu bi hbiberija. Xi tliet gimghat qabel ma' zijuh kien miet, f'Marzu 2008, Spridione kien ghand zijuh meta marru l-attur u t-tifel tieghu Samwel biex jarawh. Fil-presenza tieghu, l-attur staqsa lil zijuh jekk riedx ibieghlu kollox, jigifieri s-srieken, arnezi, il-karettun, iz-zewg xarretti u z-ziemel. Zijuh talbu prezz, li skond Spiridione Scerri, ghalkemm ma jiftakarx ezatt kemm kien, kien aktar minn tlett elef lira Maltin u l-attur rah gholi. Galea tah prezz ta' elf lira, pero' zijuh rah baxx. Imbaghad Galea rega' tah prezz iehor illi, Scerri ma jiftakarx jekk kienx tnax-il mitt jew hmistax-il mitt lira Maltin, u lanqas dan ma accettah zijuh. Hawnhekk l-attur telaq biss qabel qallu li kien se jerga' jmur jarah.

Wara gimgha rega' mar ma' ibnu ghand iz-ziju tieghu, fejn huwa kien prezenti wkoll. Hawnhekk ma tkellmux rigward il-bejgh tal-oggetti u z-ziemel, imma l-attur talab lil zijuh biex iselfu xi pajpijiet li jintuzaw biex jifthu d-drenagg. Qabel ma' telaq, Scerri qal lill-attur biex jiehu l-affarijiet ta' zijuh li kellu fil-garaxx tieghu lura fil-garaxx taz-ziju u wiegbu "allright, se nehodlhu kollox".

Zied ighid li zijuh miet tlett gimghat wara u sa dak inhar mhux talli l-attur ma rritornax l-oggetti li kienu ghandu u kienu proprjeta' taz-ziju, imma, peress li kellu c-cavetta tal-garaxx li kien mikri ghand zijuh, dan kien qabad u garr minnu l-karozzella tieghu kif ukoll il-karettun u x-xarretta li kienu proprjeta' taz-ziju. Dawn hadhom f'razzett li Galea ghandu l-Maghtab.

Xi jumejn wara zijuh kien talbu jiehdu fil-garaxx li kellu mikri ghandu biex jara jekk Galea kienx hadlu l-affarijiet kif kien weghdu. Il-garaxx kienu sabuh vojt ghal kollox. Huwa cempel lil Joe Galea u staqsieh fejn kienu l-affarijiet u rrispondieh illi kien hadhomlu r-razzett tieghu il-Maghtab

'*biex jiffrankalhu l-kera'*. Dan kien madwar gimgha qabel ma' miet zijuh.

Zijuh kien miet l-isptar fejn kienu haduh xi ghaxart ijiem wara li Galea ghamel t-tieni vizta ghandu jigifieri meta kien sellfu l-pajpijiet tad-drenagg. Xi tlett ijiem qabel ma dahal l-isptar, l-attur cempillu u qallu jekk zijuh kienx qed jiggennen meta talbu l-flus ghall-oggetti ghaliex kien weghdhomlu. Semmielu l-oggetti li qal li kien weghdu z-ziju u qal li kienu tlett isrieken, zewg arnezi, xarretta u z-ziemel. Scerri wiegbu lura li allura anke hu kien qed jiggennen ghaliex kien mar ghand iz-ziju biex jixtrihom. Xi granet wara, ftit qabel il-mewt taz-ziju, l-attur kien rega' ha fil-garaxx taz-ziju, ix-xarretta l-kbira u l-karettun, u baghat ic-cavetta tal-istess garaxx, mat-tifel tieghu. Ghalhekk hu jigi li zamm ghandu t-tlett isrieken, iz-zewg arnezi, ix-xarretta z-zghira u z-ziemel.

Il-garaxx li kien mikri ghand zijuh gie rritornat lil sidu gurnata wara li zijuh kien miet, fit-12 ta' April 2008 u l-oggetti li kien fih, jigifieri l-karettun u xarretta, Spiridione Scerri qal li hadhom fil-garaxx tieghu. Minn dak iz-zmien 'l hawn, ghan-nom ta' Maria Scerri, huwa ipprova hafna ma' Joe Galea biex jirritorna l-oggetti taz-ziju li qeghdin ghandu. Biex forsi jaslu bil-kwiet, kienu offrewlu wkoll li jzomm iz-ziemel taz-ziju li qieghed ghandu. Offrewlu li jaghtuh iz-ziemel taz-ziju li kien qed izomm ghandu kif ukoll li jhallsuh tal-ikel ghaz-zmien minn meta z-ziju kien marad sakemm miet, jigifieri z-zmien meta ma setax imur jaghlef liz-ziemel. Dan kien perjodu li ma qabizx it-tlett xhur.

Bhala prokuratur generali tal-attrici Maria Scerri, mart zijuh Saver, ikkonferma illi sal-lum l-attur kien ghadu jzomm l-oggetti msemmija ghandu u minkejja diversi talbiet anke b'ittri legali, baqa' ma rritornahomx.

Rat l-affidavit ta' **Martin Vassallo** prezentat fis-6 ta' Mejju 2009, fejn iddikjara li kien ilu jaf lil Saver Scerri ghal madwar tmien snin qabel ma' miet. Huwa tenna li kienu jiltaqghu spiss l-Imsida, jiehdu flixkun birra flimkien u kellhom l-istess interess - iz-zwiemel. Madwar tliet

gimghat qabel ma' kien miet, Saver Scerri kien mar ifittxu s-Saqqajja, il-venda tal-karozzini, ghaliex Martin Vassallo jahdem bil-karozzin u offrielu biex ibieghlu xi ingenji. Kien semmielu karettun, serkini u xi arnezi u qallu li ried ibiegh kollox. Huwa ma jiftakarx li kien semmielu xi ziemel. Vassallo kien wiegbu li ma kienux jghoddu ghalih ghax ma kellux bzonnhom dak iz-zmien.

Rat l-affidavit ta' **Alfred Dunlop** ipprezentat fid-29 ta' Mejju 2009, fejn iddikjara illi darba kien iltaqa' ma' Galea u ma' Saver Scerri l-Gharghur ghal tberik tal-annimali. Huwa kien jaf lil Galea u waqaf ikellmu. Alfred Dunlop kien gie nfurmat illi Saver xtara karettun u dan talbu biex ibieghulu. Hu kien wiegbu li ma kienx ghal bejgh u li kull ma kellu kien ghal Galea. Alfred Dunlop ikkonferma illi hu lil Joseph Galea ilu jafu peress illi ghandhom l-istess delizzju u kienu jahdmu flimkien il-biccerija. Huwa tenna illi taht id-dar ta' Galea ghandu garaxx fejn izomm xi zwiemel u xi ingenji bhal karozzini u serkini. Huwa kkonferma illi Galea kien izomm xi ziemel ta' Saver u li kien ilu snin jaghmel hekk. Ir-rikorrent kien qallu li ghalkemm Saver kien jinzel jitma liz-ziemel hu stess, ma kienx ihallas ghal xi tip ta' kera sabiex ir-rikorrent izommlu z-ziemel.

Alfred Dunlop qal li darba fost l-ohrajn, x'aktarx kien fl-ahhar tas-sena 2007, kien mar ghand l-attur fejn dan kien qallu li Saver ma kienx qed jersaq l'hemm peress illi kellu l-mara marida. Dunlop seta' jikkonferma dan ghax hu kien jinzel ghall-attur ta' spiss u lil Saver kien ilu ma jarah. Qal ukoll illi minn dak iz-zmien l-attur kien ha hsieb ghall-ispejjez kollha taz-ziemel u ma rcieva l-ebda forma ta' kumpens mhux biss ghax kien qed izommlu z-ziemel (bhala kera) izda lanqas ghall-ispejjez li kien qed jonfoqlu. Huwa kkonferma illi fil-prezent dan iz-ziemel kien ghadu fil-pussess tal-attur fejn kien ghadu qed jonfoqlu l-ispejjez.

Rat l-affidavit ta' **Samuel Galea** prezentat fid-29 ta' Mejju 2009, fejn iddikjara illi inizjalment Saver kien izomm ghand missieru xaretta kbira tar-roti tal-injam u karettun pero' wara xi jumejn dawn kienu tnehhew mill-garaxx ta' missieru u Saver beda jikri garaxx hu stess sabiex izomm

ghandu l-affarijiet tieghu fihom. Samuel Galea ikkonferma illi missieru kien izomm ghandu wkoll is-serkin ta' Saver izda meta dan kera il-garaxx, hadu wkoll. Dan kien sehh wara li darba Spiru kien cempel lill-missieru sabiex itella l-affarijiet ta' Saver fil-garaxx li kien kera Saver. Missieru hekk ghamel u baghat lil Samuel Galea stess ghand Saver bic-cavetta tal-garaxx mikri lil Saver. Meta ta c-cavetta lil Saver, dan beda jirrabja u qal lil Galea illi hu ma kien jaf b'xejn u ma kienx qal lil Spiru sabiex jinfurma lil missieru halli jirritorna l-oggetti. Saver kien qallu wkoll illi dawk kienu taghhom u li setaw jaghmlu bihom li riedu. Saver kien tah ic-cavetta lura izda Spiru minn wara dahar Saver talbu c-cavetta lura fejn fil-fatt Galea kien tahielu.

Samuel Galea sostna illi missieru kellu zwiemel proprjeta' ta' Saver li kien izommomlu ghandu ghal snin twal, sahansitra qal illi dan l-arrangament kien diga' jezisti meta hu kellu madwar hames snin. Huwa kkonferma illi qabel ma miet Saver, missieru kien jiehu hsieb ziemel billi mhux biss kien jaghlfu izda wkoll jaghmillu dak kollu li kien necessarju inkluz in-naghal. Huwa tenna illi biex izzomm ziemel fil-gimgha trid bejn wiehed u iehor madwar zewg Liri Maltin (Lm2) kuljum. Dan kien jafu peress illi hu dilettant. Huwa sostna illi ma kienx jaf jekk Saver kienx ihallas xi flus sabiex missieru izommlu z-ziemel fir-remissa. Huwa kien jaf illi Saver kien ihallas ghall-ikel taz-ziemel huwa stess, izda meta kienet mardet il-mara tieghu (f'Ottubru 2007) ma baqax jigi r-remissa. Saver kien cempel biex jinforma lil missier Samuel Galea u ma giex iktar lil hemhekk. Missieru kien baqa' jiehu hsieb ta' kollox inkluz kompla jhallas ghal kull spiza.

Huwa ddikjara illi gieli kien ikun hemm okkazzjonijiet ta' mard jew ta' sptarijiet fejn Saverio Scerri ma kienx jigi hemm u kien jiehu hsieb ta' kollox missieru wkoll. Samuel Galea ikkonferma illi hu gieli kien itellghalu l-ikel l-isptar ukoll.

Rat l-affidavit ta' **Sandro Pace** prezentat fid-29 ta' Mejju 2009, fejn iddikjara illi l-attur kien xtara minn ghandu bejn wiehed u iehor xi erba' snin ilu xaretta. Qal illi sa fejn kien jaf hu, il-attur ma kellux xaretta ohra hlief din. Ikkonferma

li gieli kien ikun fir-remissa tal-attur u dejjem ra xaretta wahda. Huwa kkonferma illi z-ziemel li kien jarma Saver (proprjeta' tieghu) kien izommulu l-attur. Huwa ma jafx x'arrangament kien hemm bejniethom pero' qatt ma ra lil Saver ihallas xi flus lill-attur. Huwa sostna illi din ix-xarretta l-attur gieli kien isellifha lill-Saver. Qal illi Saver gieli kien jitla bix-xarretta fejn in-nannu ta' Pace ir-razzett u kien jarafha u jghid "ara din li bieghhejt lil Joseph". Huwa ddikjara illi qatt ma ra lil Saver b'xi xarretta ohra.

Ix-xhud xehed in kontro-ezami nhar is-17 ta' Jannar 2012 u kkonferma li kien minnu li huwa li mar fir-remissa ta' Joseph Galea, l-attur. Ir-remissa tieghu qeghda l-Imsida, u jispjega li kien imur hemm b'mod regolari, darba fil-gimgha, pero' xi drabi qabez xi gimgha. Pero' dejjem xarretta wahda kien jara, dik li kien bieghlu hu. Huwa minnu wkoll li is-sur Galea ghandu razzett. Mistoqsi fejn hu dan ir-razzett tenna li jinsab fl-akwati tal-Madliena u gieli mar f'dan ir-razzett ukoll. Mistoqsi jekk izommx zwiemel f'dan ir-razzett qal li zwiemel hemmhekk qatt ma ra, u lanqas armar taz-zwiemel qatt ma ra hemm. Meta kien imur hemm naghag kien jara. Lil Saver kien jarah ghaddej kemm 'il darba bix-xarretta li kien biegh lil Galea.

Rat l-affidavit ta' **Martin Cassano** ipprezentat fit-28 ta' Gunju 2009, fejn iddikjara illi ghandu store fl-istess triq fejn ghandu r-remissa l-attur. Hu jiftah dan l-istore kuljum filghodu u filghaxija u seta' jghid illi ilu jaf lill-attur mill-elf disgha mija, erbgha w disghin (1994) u dejjem jafu jghix hemmhekk. Huwa kien iltaqa' ma' Saver ghand l-attur. Gieli tkellmu u anke kienu jiehdu kafe ghand l-attur gewwa r-remissa jew fuq l-ghatba.

Saver kien qal lil Martin Cassano li mnalla kien sab lill-attur u li kien jghaddi ftit ghandu peress illi tfal ma kellux u li kien imur hdejh peress li kien johodlu hsieb iz-ziemel u kien ilu jaghmel dan ghal dawn l-ahhar snin. Martin Cassano kkonferma illi l-attur kien u ghadu jzomm dan iz-ziemel u li kien jiehu hsiebu kompletament billi jnaddfu u jitimghu. Huwa tenna illi bejn wiehed u iehor dan iz-ziemel kien ilu ghand l-attur ghal erba' snin. Qal illi x-xih kien

ihallas ghal gwiez, izda qatt ma hallas ghal ebda kera jew xi kumpens lill-attur ghas-servizzi tieghu jew ghal xi kera tar-remissa.

Martin Cassano kkonferma illi meta l-mara ta’ Saver mardet f’Ottubru 2007, Saver ma baqax imur ir-remissa. Iz-ziemel kien hallieh xorta ghand l-attur li kien baqa’ jiehu hsiebu bl-istess mod. L-attur kien stqarr mieghu illi Saver, wara li kienet mardet il-mara tieghu, mhux biss ma kienx resaq lil hemm talli ma kienx qed ihallas ghall-gwiez u li kien qed jiehu hsieb kollox l-attur.

Huwa ddikjara li meta Saver miet f’April 2008, iz-ziemel baqa’ ghand l-attur u baqa’ jiehu hsiebu bl-istess mod sal-lum. Sostna illi l-attur johrog iz-ziemel darbtejn fil-gimgha biex iz-ziemel ma jimradx. Huwa qal li l-ebda kumpens ma nghata tul dawn is-snin u l-ebda spejjez ma thallsu minn Ottubru 2007. Cassano ddikjara illi huwa qatt ma ltaqa’ ma’ Spiridione Scerri u Saver qatt ma kien semmieh mieghu.

Rat l-affidavit ta’ **Victor Pace** ipprezentat fit-13 ta’ Ottubru 2009, fejn iddikjara illi lil Joseph Galea ilu jafu ghal zmien twil, kif kien jaf lil Saver Scerri kemm kien ilu jmur ghand Joe Galea. Victor Pace qal li hu kien ikun kwazi kuljum ir-remissa tal-attur peress illi huwa dilettant taz-zwiemel. Kienu jiltaqghu filghaxijiet biex jghidu kelma. Huwa kkonferma li Saver kien ikun hemm ta’ spiss, fil-fatt qal li kien ilu jmur ghand l-attur ghal dan l-ahhar tlettax-il sena.

Huwa ddikjara illi Saver kellu ghand Galea ziemel li ghadu hemm sal-lum. Dan ma kienx l-unika ziemel li kellu Saver ghand Galea peress li kien izommlu precedentement zwiemel ohra qabel. Huwa tenna illi Saver kien jipprovdi l-gwiez ghaz-ziemel tieghu. L-arrangament kien illi meta Galea kien jixtri l-gwiez ghaz-zwiemel tieghu, kien jixtri xkora ghal Saver li kien ihalliha fir-remissa ta’ Galea halli z-ziemel jaghlfuh minnha. Huwa gieli sema’ lill-attur jghid li meta il-gwiez tax-xih kien jispicca, kien jiehu hsieb ta’ kollox hu. Pace iddikjara illi anke hu gieli ghalef iz-ziemel mill-gwiez tal-attur.

Victor Pace sostna illi minn Ottubru 2007 Saver ma resaqx iktar lejn ir-remissa ta' Galea peress illi kienet marditlu l-mara u ried idur biha. Iz-ziemel kien baqa' jigi mizmum, ikkurat u mitmum minn Galea, din id-darba a spejjez kompletament tieghu. Galea kien baqa' ghaddej bl-istess procedura illi jiehu hsieb dan iz-ziemel u jhallas mhux biss ghall-ikel tieghu izda ghal kull bzonn li seta' jkollu. Huwa jaf illi anke kien gieli johrog l-istess annimal biex jaghmel xi ezercizzju u jippassigah. Huwa ddikjara li l-attur gieli gablu t-tabib u anke gieli ghamel iljieli mieghu.

Victor Pace kkonferma illi l-attur kien qallu li kellu xi kontijiet pendenti peress illi x-xih ma kienx resaq l'hemmhekk. Sa fejn kien jaf hu dawn il-kontijiet ghadhom ma thallsux. Huwa kkonferma illi dan iz-ziemel ghadu ghand Galea sal-lum u anke wara l-mewt ta' Saver, Galea ghadu ma thallasx tal-ispejjez u tax-xoghol li sar u li kien ghadu qed isir.

Rat l-affidavit tal-attur **Joseph Galea** pprezentat fl-14 ta' Dicembru 2009, fejn iddikjara illi l-hbiberija bejnu u bejn Saver Scerri kienet ilha snin, peress illi t-tnejn kienu jhobbu z-zwiemel u gieli nnegozzjaw ukoll xi ziemel flimkien. Huwa tenna illi kien ilu snin izomm fir-remissa tieghu zwiemel proprjeta' ta' Saver Scerri, ghax kellu diversi zwiemel fuq perjodu ta' snin. Fil-fatt seta' jghid li dan l-arrangament kien ilu ghaddej madwar tnax-il sena.

L-attur ftakar illi xi hdax-il sena ilu Saver kien xtara xarretta kbira u sussegwentement karettun. Huwa tenna illi dawn l-ingenji ma setax izommomlu fir-remissa tieghu peress illi tant kien hemm affarijiet li lanqas kien hemm fejn iduru. Ghalhekk Saver kien irranga sabiex jikri garaxx gewwa l-Imsida u kien ihallas circa tmienja u tletin Lira Maltin (Lm38) fix-xahar sabiex izomm l-istess karettun, xaretta kbira u wara serkin. Ghalkemm  Saver kien ha dawn l-affarijiet fil-garaxx li kien kera, z-ziemel baqa' jzommu ghandu. Galea qal illi ma kellux spejjez taz-ziemel in kwantu kien jixtri xkejjer tal-gwiez ma' tieghu u Saver kien ihallsu.

Joseph Galea qal li Francesco Saverio kien dam jikri l-garaxx ghal madwar hames snin pero' kien ta' spiss jilmenta li xtaq li jehles mill-kera. Fi Frar 2008 Galea kien mar ghandu peress illi kien sellfu l-qasab li bihom jiftah id-drenagg u mar johodhom lura u rega' semmielu l-ingenji u l-kera. Saver talab lill-attur jekk setax izommlu l-ingenji ghandu halli jehles mill-kera li kien qed ihallas. Dan sehh fil-prezenza ta' Spiru Scerri. Qallu li kien ser isiblu post fir-razzett tieghu u f'Marzu 2008 kienu haduhom hemmhekk. Xi gimgha wara li tellawhom, Spiru kien cempel lill-attur biex inizzel lura l-affarijiet mir-razzett tieghu, fil-garaxx mikri miz-ziju ta' Spiru peress illi dan iz-ziju kien riedhom lura. L-ghada nizzilhom lura, u lil Saver ma kienx kellmu u baghat lit-tifel Samuel bic-cavetta tal-garaxx li kien kera Saver wara li kien poggielu kollox lura. L-istess Saver kien staghgeb meta ra lill-iben l-attur, cioe' lil Samuel u qallu li huwa ma kienx jaf li Spiru kien talbu jirritorna l-affarijiet u fil-fatt irrizulta li ma kien qallu b'xejn minn dan.

L-attur kompla qal li Saver qal lit-tifel tieghu biex jiehu c-cavetta tal-garaxx u biex jiehu lura l-oggetti li poggew fil-garaxx peress li dawk kien tahomlhom. Spiru kien rega' avvicina lit-tifel minn wara dahar zijuh u talbu c-cavetta u t-tifel tahielu. L-attur ikkonferma illi sar jaf li Spiru kien ha dawn l-affarijiet mill-garaxx mikri lil Saver gewwa d-dar tieghu.

L-attur sostna illi wara jumejn kien rega' cempillu Spiru u talbu l-kumplament tal-ingenji li kienu fir-remissa l-Imsida li kienu jikkonsistu f'arnez, serkin u z-ziemel. Huwa nformah li jekk ried l-oggetti ried igib lil Saver mieghu peress illi wahdu ma kienx ser jaghtihulu. L-attur kien baqa' ma sab xejn, la minghand Saver u lanqas minghand il-mara. Huwa kkonferma illi anke l-mara ta' Saver kienet taf b'dan peress illi huwa gieli qal hekk quddiemha. Huwa tenna illi sadanittant Spiru kien ghamel rapport lill-ghassa tal-Pulizija imma Saver qatt ma kien ghamel rapport u qatt ma telgha l-Qorti kontra l-attur.

Joseph Galea iddikjara illi huwa kien gie liberat mill-akkuzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Huwa kkalkula illi kien hemm perjodu ta' snin meta huwa baqa' jzomm iz-

zwiemel ta’ Saver li nefaq is-segwenti u li tal-istess spejjez ma thallasx: Peress illi Saver ma kienx baqa’ jigi r-remissa ghax kienet marditlu l-mara, ghalf taz-ziemel minn Ottubru 2007 sa Ottubru 2009 ammonta ghal tlett elef u erbgha mitt Ewro (€3,400) ekwivalenti ghal elf, erbgha mija w sittin Lira Maltin (Lm 1,460), b’rata ta’ zewg liri Maltin (Lm2) kuljum ghall-ikel, nghal u kwalunkwe bzonn illi jkollu z-ziemel.

Huwa ddikjara illi hu qed izomm dan iz-ziemel gewwa stalla fejn qieghed jiehu post zwiemel ohra. Huwa kkalkula illi stallel ohra jzommu rata ta’ bejn Lm25 sa Lm35 bhala renta fix-xahar. Ghal fini ta’ din il-kawza, huwa kkalkula illi huwa ilu jzomm dan iz-ziemel ghal sentejn bir-rata ta’ tletin lira Maltin (Lm30) (30 x 24 xhur) li jammontaw ghal elf, sitt mija u sebgha w sebghin Ewsro (€1,677) ekwivalenti ghal sebgha mija w ghoxrin Lira Maltin (Lm720).

L-attur sostna illi ghalkemm dan iz-ziemel gie mitlub lilu minn Spiridione wara l-mewt ta’ Saver, huwa jhoss li ma kellux jirritorna dan iz-ziemel peress illi Saver qatt ma kien talabulu, peress li kien jghidlu meta jmut kien ser ikun ghalih tal-intrigu li kien dahal fih u peress li hu kien ilu mis-sena 2007 jaghmel diversi spejjez fuq l-istess annimal li ghadu ma thallasx tieghu. Huwa ddikjara illi kontestwalment qed jipprezenta kawza kontra l-eredi ta’ Saver Scerri halli jigi likwidat dak dovut lejh.

Rat in-nota tal-attur **Joseph Galea** pprezentata fit-23 ta’ Settembru 2010 fejn permezz taghha ghamel elenku tal-izborzi li huwa ghamel sa dak iz-zmien u li biha kkwantifika l-pretensjoni skond is-segwenti: ghalf taz-ziemel, naghal u kura ingenerali taz-ziemel kalkolat fis-somma ta’ erbgha Ewro u sitta u sittin Ewro centezmu (€4.66) kuljum minn Ottubru 2007 sa Ottubru 2010 li jammonta ghal hamest elef, mija u zewg Ewros (€5,102). Qal ukoll illi huwa qed izomm dan iz-ziemel gewwa stalla fejn qieghed jiehu post zwiemel ohra. Huwa kkalkula illi stalel ohra jzommu rata ta’ xi tnejn u tmenin Ewro (€82) bhala renta fix-xahar. Ghal fini ta’ din il-kawza huwa kkalkula illi huwa ilu jzomm dan iz-ziemel ghal tlett snin

bir-rata ta’ €70 fix-xahar li jammonta ghal elfejn, hames mija u ghoxrin Ewro (€2,520).

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta’ Novembru 2010 (rregistrat fil-kawza Numru 407/08) fejn il-Qorti nnominat lil Dr Anna Mifsud Bonnici bhala Magistrat Supplenti biex izzur lil Maria Scerri fid-dar residenzjali fejn tinsab u dan wara li tiffissa s-seduta apposta mal-avukati tal-partijiet u dan biex isirilha l-kontro-ezami.

Rat l-affidavit ta’ **Spiridione Scerri** pprezentat fl-4 ta’ Novembru 2010 fejn ikkonferma fl-intier tieghu dak li qal fl-affudavit tieghu tas-17 ta’ Marzu 2009 fil-kawza Scerri Spiridione noe vs Galea Joseph (407/2008 CSH) u mieghu zied il-prezenti in vista tal-kawza li ressaq Joseph Galea.

Huwa kkonferma, ghax kien jaf personalment illi zijuh Saver Scerri kien xtara l-karettun u arnez minghand huh tar-rispett, Carmelo Borg xi tmien snin qabel. Spiridione Scerri kien ghen lil zijuh Saver igorr dan il-karettun u arnez minghand Karmenu ghal ghand Joseph Galea. Wara Saver kien kera garaxx l-Imsida, ftit il-boghod mill-garaxx ta’ Galea, u l-karettun u l-arnez kienu garrewhom hemm iz-ziju u Joseph Galea. Wara li kien kera dan il-garaxx, Saver kien xtara wkoll zewg srieken u arnez iehor u poggihom fih. Aktar tard kien ghamel serkin iehor u hadu dritt ghand Joseph Galea fejn kien diga qed izomm iz-zewg srieken l-ohra u l-arnez kif se jispjega iktar il quddiem.

Hu qal li mhux veru li Joseph Galea kien sellef xi qasab tad-drenagg liz-ziju imma l-kuntrarju. Dawn il-pajpijiet kienu proprjeta’ ta’ Saver u hu kien prezenti, meta xi tlett gimghat qabel miet zijuh, Galea kien mar id-dar tieghu biex isellifhom. Spiridione kellu suspett illi l-iskop tieghu ma kienx li jissellef il-pajpijiet tad-drenagg imma biex jara f’liema stat kien zijuh ghax kien ilu xi granet ma jmur ghandu, cioe’ ghand Galea.

Huwa zied illi zijuh qatt ma gerger fuq il-kera tal-garaxx li kien kera l-Imsida, la mieghu u lanqas ma haddiehor,

ghax kien kuntent bih u kellu fejn ipoggi l-affarijiet tieghu. Fil-fatt il-kera kienet spiccat l-ghada li miet, jigifieri fit-12 t'April 2008 u ta' dan hemm dikjarazzjoni tas-sid Joseph Micallef li ggib l-istess data, diga esibita flimkien ma diversi ricevuti tal-kera, fil-kawza l-ohra.

Spiridione Scerri qal illi xi zmien wara li zijuh kien kera l-garaxx fuq imsemmi, Joseph Galea kien talbu biex izommlu karozzella kbira, proprjeta' ta' Galea f'dan il-garaxx ghax kienet goffa u kienet qed tingombralu l-garaxx tieghu u ma setax jahdem kif xtaq fih minhabba l-ispazju li kienet tehodlu. Zijuh, kien laqa' t-talba tieghu u biex akkomodah accetta li jpoggi tlett srieken, zewg arnezi u xaretta zghira li kellu fil-garaxx tieghu, fil-garaxx ta' Galea u dan kien kif dawn l-oggetti gew fil-pussess ta' Galea fejn ghadhom hemm sal-lum. Dan ma sarx f'Marzu 2008 imma fl-2003, ftit xhur wara li Saver kien kera l-garaxx tal-Imsida.

Huwa kkonferma illi xi xahar qabel ma' miet zijuh, Galea kien mar id-dar ta' zijuh u talbu jbieghlu l-oggetti li kien qed izommlu fil-garaxx tieghu stess. Spiridione Scerri kien prezenti waqt din il-laqgha u qal li ma ftehmux fuq il-prezz u wara din il-laqgha zijuh kien qallu biex jghid lil Joseph Galea jehodlu l-oggetti li kien qed izommlu fil-garaxx tieghu, fil-garaxx ta' zijuh. Spiridione Scerra ddikjara li ghamel hekk u mexa' fuq struzzjonijiet ta' zijuh u kien xi ftit qabel miet. Mhux veru li Galea qal lil Spiridione Scerri biex jehodhom fil-garaxx taz-ziju, ried li z-ziju jmur mieghu ghandu. Dan ma kienx possibli ghax f'daz-zmien iz-ziju ma kienx jimxi u lanqas johrog mid-dar.

Huwa qal li mhux veru li Saver kien ilu ma jmur ghand Galea mill-2007 ghax baqa' jmur hemm sa madwar xahar qabel miet. Hu kien iwasslu spiss ghand Galea. Hu kkonferma li zijuh lilu kien jghidlu li kien ihallas lil Galea tal-gwiez li kien jitma liz-ziemel tieghu li kien jinzamm ghand Galea. Dan il-hlas kien baqa' jsir sa xi xahar qabel miet ghax ma kienx baqa' johrog mid-dar. Zijuh kien qallu wkoll illi gieli hallas ghall-gwiez taz-zwiemel ta' Galea bi tpattija talli kien izommlu z-ziemel.

Spiridione Scerri ddikjara li Saver kien tant jirrispetta u jafda lil Joseph Galea illi kien tah cavetta tal-garaxx li kellu mikri. Meta kien qal lil Galea biex jiehu lura l-garaxx ta' zijuh l-oggetti li kien qed izommlu fil-garaxx tieghu, Samwel li jigi t-tifel ta' Joseph Galea, kien gab ic-cavetta tal-garaxx taz-ziju u fil-fatt taha lilu stess ghax inzerta ghand zijuh. Huwa staqsieh jekk missieru kienx ha lura fil-garaxx ta' zijuh, kif kien mitlub li jaghmel, il-karettun u x-xarretta li kien qed izomm fir-razzett tal-Maghtab u l-oggetti li kien qed izomm fil-garaxx l-Imsida. Samwel irrispondieh li ma kienx jaf. Fil-fatt irrizulta wara li kien ha biss il-karettun u x-xarretta li kien qed izomm il-Maghtab, imma dawk li kien qed izomm fil-garaxx tal-Imsida ma kienx hadhom.

Spiridione Scerri kkonferma illi l-ghada li miet zijuh, fuq talba tal-armla tieghu Maria Scerri, huwa ha f'garaxx tieghu, il-karettun u x-xarretta li kien hemm fil-garaxx mikri miz-ziju, biex l-armla tieghu tkun tista' tirritorna c-cavetta tieghu u ttemm il-kirja. Zied jghid illi minn dak li dejjem qallu zijuh u milli kien josserva hu, zijuh u Joseph Galea kienu jagixxu ma' xulxin a bazi tad-delizzju komuni taghhom taz-zwiemel, bi hbiberija u minghajr l-ebda pretensjoni ta' xi kumpens jew xi hlasijiet ohra minghand xulxin, b'haga tpatti ma' l-ohra, biz-ziju jqis lil Galea u lill-familja tieghu aktar bhala familjari milli barranin.

Illi b'digriet datat 12 ta' Novembru 2010, il-Qorti ssostitwiet lil Magistrat Supplenti Dr Anna Mifsud Bonnici bl-Assistent Gudizzjarju Dr. Daniela Mangion stante illi l-Magistrati Supplenti m'ghadhomx jigu nominati.

Rat ix-xhieda ta' nhar il-25 ta' Novembru 2010 fejn **Maria Scerri** iddikjarat illi hija qed taghmel kawza kontra Joseph Galea ghall-affarijiet li kellu fil-garaxx u talli kien jghinu. Dawn l-affarijiet kienu tliet serkini, li tnejn minnhom kien ghamilhom ir-ragel taghha u l-iehor kien qalghu, xarretta li kien ghamilha hu, zewg arnezi kompluti b'kollox, ziemel u ghodda li bihom wiehed jiftah il-katusi. Qalet illi zewgha kien ghamel u qala' dawn meta kien imur ghand l-attur. Hija kkonfermat illi dan ilu hafna ghax kien ilu jahdimlu lill-attur. Ir-ragel taghha kien inaddafhom, jitmahhhom,

jahsilhom u jiehu hsiebhom iz-zwiemel. Kien hemm erba’ zwiemel fir-remissa u kien hemm ziemel iehor ta’ l-ghalqa. Mistoqsija jekk hija kinitx rat dawn iz-zwiemel fir-remissa tal-attur hija qalet li le, kien jghidilha r-ragel.

Hija sostniet illi r-ragel taghha kien kera garaxx u fih ha l-affarijiet li kellu ghand l-attur, imma ma tafx jekk kienx ha kollox. L-attur kellu karozzella kbira u ried ipoggiha fil-garaxx tar-ragel taghha u hekk ghamel. Fil-fatt din kienet damet fil-garaxx ghal hames snin. Hija qalet illi dan kien jghidulha r-ragel u hi qatt ma marret f’dan il-garaxx. Hu kien qalilha li kien hdejn l-iskola tal-Imsida. Hija ma tafx kemm kien kbir il-garaxx imma kien ihallas minghaliha Lm38 fix-xahar. Hija ma tiftakarx kemm damu jikruh. Huma ma baqghux jikru l-garaxx wara l-mewt ta’ zewgha. Hija ma tafx x’kien fih il-garaxx meta miet ir-ragel taghha.

Ix-xhud ikkonfermat illi ilha ghal perjodu twil ta’ aktar minn hames snin ma tistax timxi u ilha sentejn u hames xhur toqghod ghand is-sorijiet. Hija kkonfermat illi kien hemm perjodu zghir li fih ir-ragel taghha ma baqax imur ghand l-attur. Ghamlet referenza ghar-raba’ paragrafu tal-affidavit taghha, hija qalet illi dan kienet tafu ghax qalilha n-neputi. Hija ddikjarat li taf lill-attur ghax kien joqghod hdejha u kien anke gieli jmur ghandhom u gieli zammewlu lit-tifel Samwel.

Hija sostniet illi r-ragel taghha u l-attur kienu jixtru l-affarijiet ghaz-ziemel flimkien. Kien imur ragel li jgibilhom il-gwies. Hu ma kienx jonfoq l-istess u hi ma tafx kemm kien jonfoq fuq il-gwies. Dawn l-affarijiet kollha kienet tafhom mir-ragel taghha. Hija kkonfermat illi kien hemm zmien fejn ir-ragel taghha ma kienx imur ghand l-attur imma ma tafx kemm kien twil dan il-perjodu pero’ ma kienx twil u zewgha kien ghamel xi jumejn l-isptar.

Ix-xhud qalet ukoll illi meta miet ir-ragel taghha qalulha li kienu ser jaghtu z-ziemel u ma tafx x’aktar bhala pagament lill-attur. Hija ma tafx ghalxiex ghax kienet fuq u kien qalilha n-neputi. Qalet illi l-attur kien talab erbat elef lira Maltin (Lm4,000) lir-ragel taghha u hu kien tahhomlu bla karta.

Hija kkonfermat illi huma offrew iz-ziemel u xi hlas zghir tal-gwies sabiex jigu ritornati lilhom l-affarijiet li semmiet iktar 'il fuq u jaghlqu l-kwistjoni. Ir-ragel taghha kellu disgha u sebghin (79) meta miet. Ix-xhud tenniet illi r-ragel taghha kien sab lil xi hadd li kien ghamel xoghol ta' tikhil u tibjid fl-istalel tal-attur. Hija kkonfermat illi r-ragel taghha kien pensjonant mill-Awstralja. Hija qalet illi ma marritx ghand l-attur allura ma rathomx l-affarijiet.

Maria Scerri tiftakar illi r-ragel taghha kien jahsillu l-karozzin lill-attur. Hija qalet illi tiftakar ukoll illi apparti r-remissa, r-ragel taghha kien imur mal-attur fil-post fejn kellu l-annimali.

In kontro-ezami ulterjuri hija sostniet li r-ragel taghha (Saver) kellu cavetta tal-garaxx li kien kera. In-neputi taghha Spiru kellu cavetta wkoll. B'referenza ghal dan li ghadha kif qalet, hija qalet li ma tafx jekk Spiru kellux cavetta tal-garaxx. Qalet ukoll li ghand Spiru hemm karettun li hu tar-ragel taghha u ghandu wkoll xarretta.

Maria Scerri qalet in ri-ezami li Saver kellu zewg xarretti. Hija tenniet illi s-serkin u l-karozzin m'humiex l-istess haga.

**Spiridione Scerri** xehed in kontro-ezami nhar l-10 ta' Jannar 2011 u kkonferma illi huwa kien mar fil-garaxx ta' Joseph Galea. Fil-fatt filghaxija kien iwassal liz-ziju tieghu kwazi kuljum sal-garaxx sabiex jaghlef iz-zwiemel kemm tieghu u dawk ta' Galea u kien ihallieh hemm. Huwa tenna li gieli dahal gol-garaxx ukoll. Huwa ddiskriva l-garaxx in kwistjoni bhala kbir piu o meno daqs l-Awla tal-Qorti. F'dan il-garaxx is-sur Galea kien izomm iz-ziemel taz-ziju, zewgt (2) izwiemel ohra u gieli kien ikollu tlieta (3) wkoll pero' wiehed minnhom kien jaghmlu faccata fl-ghalqa, kien izomm karrozzin li ghadu jahdem bih sal-lum u kien izomm ukoll tlett (3) isrieken u xarretta.

Huwa sostna li kien hemm zmien meta z-ziju tieghu kien kera garaxx u dan jinsab vicin hafna l-garaxx ta' Galea – tmienja (8) jew ghaxar (10) minuti mixi, distanza bejn

wiehed u iehor mill-Qorti sa bieb il-Belt. Mistoqsi jekk kellux ic-cavetta tal-garaxx taz-ziju jghid li le ma kellux pero’ jaf li z-ziju kellu cavetta d-dar ghandu. Hu qal li kien z-ziju li ta kopja tac-cavetta lil Joe Galea. Pero’ t-tifel ta’ Galea, Samuel, kien gie bic-cavetta meta talbuhielu lura u kien ta lilu ghax huwa kien ghand iz-ziju u dak il-hin kien ghaddiha lura liz-ziju tieghu.

Huwa minnu pero’ li meta miet iz-ziju, kien mar u fetah il-garaxx bic-cavetta li kellu z-ziju u kien ha xi affarijiet li kien hemm gol-garaxx biex jirritorna c-cavetta lil Galea. Kien ha karrettun u xaretta li Joe Galea kien ha ukoll pero’ qabel il-karozzella tieghu li kienet fil-garaxx ukoll. Spiridione kien flimkien ma’ huh u ragel iehor meta ha dawn l-affarijiet mill-garaxx u ghabbihom fuq it-trakk.

Ix-xhud qal li din il-persuna hija minn Haz Zabbar u gabha huh. X’laqam ghandu pero’ ma jafx. Huwa kkonferma li din il-laqgha saret l-ghada li miet zijuh. Huwa kkonferma li dakinhar karettun u xarretta biss ha minn dan il-garaxx. Il-karrozzella li zijuh kellu fil-garaxx kienet tappartjeni lil Joseph Galea. Ma kienetx taz-ziju tieghu. Is-srieken u x-xaretta z-zghira marru fil-garaxx ta’ Galea biex jaghmlu spazju ghall-karrozzella u baqghu fil-garaxx ta’ Galea. Pero’ dawn kienu propjeta’ taz-ziju tieghu. Fil-garage taz-zijuh, zijuh kien izomm il-karozzella, xarretta u karrettun. Huwa qal li l-garaxx huwa kbir u jesa’ zewg karozzi. Iz-ziju tieghu kien dam l-isptar ghaxart ijiem qabel ma effettivament miet nhar il-11 ta’ April 2008. Insista li minkejja dak li qalet l-armla taz-ziju li qalet li z-ziju miet id-dar, filfatt zijuh miet l-isptar. Iz-ziju tieghu marad fil-perjodu ta’ Marzu 2008, kienet tatu rih ta’ puplesija u mbaghad kien tah attakk iehor xi erbat ijiem wara, haduh l-isptar, ghamel ghaxart ijiem u mbaghad miet. Kienu offrew li jhallsu lis-Sur Galea ghall-perjodu ta’ meta marad iz-ziju u sakemm effettivament miet, liema perjodu ma jaqbizx it-tlett xhur. Kienu offrewlu li jzomm iz-ziemel bhala kumpens pero’ ma riedx.

Ix-xhud jiftakar ukoll li meta s-Sur Galea mar jara zijuh id-dar, kien qallu li nieghel iz-ziemel u zijuh kien staqsih kemm kien hadlu u Joe Galea kien wiegbu sitt liri. Iz-ziju

qam biex ihallsu u Joe Galea qallu li ma kienx irid flus. Qal li kien attiv hafna fil-hajja taz-ziju tieghu. Spjega li zijuh ma kienx isuq. Gieli hadu l-Marsa biex igib il-gwies, kif ukoll gieli kien jiehdu l-Belt u iwasslu lura id-dar. Mart zijuh ukoll kienet l-isptar xi sitt snin ilu u kienu tawha xi medicini illi z-ziju ma kienx jaf jaqra u ma kienx jaf jaghmilhomlha u ghalhekk kien imur jiggwidha hu.

Huwa minnu illi l-mara taz-ziju kienet mardet fis-sena elfejn u sebgha (2007). Fil-fatt kienet kwazi ma timxix u ristretta ghas-sular ta' fuq. Ghan-negozjati li kienu jsiru mal-attur kienu jkunu hu flimkien ma zijuh. L-armla, il-mara taz-ziju, ma kienetx tinvolvi ruhha .

Huwa jahdem bhala taxi driver u ma ghandux imghallem tieghu. Huwa minnu wkoll li huwa pprezenta kawza ghas-servigi kontra l-eredi ta' certu Carmelo Borg. Huwa minnu wkoll li gieli ghamel nofstanhari shah ma dan Carmelo Borg u ma zijuh. Fil-fatt kien jiehu lil Carmelo Borg l-isptar fid-disgha ta' filghodu (9.00am) u kien jehles fis-siegha ta' wara nofsinhar (1.00pm). Zied jghid li kien imur tan-naghal biex jaghmel iz-zwiemel taz-ziju u gieli kien jaghmel ukoll iz-zwiemel ta' Galea. Qal ukoll li zijuh gieli ghamel tiswijiet mill-istalel ta' Galea. Darba minnhom kien gab wiehed u hadlu tlett mija u hamsin lira maltin (LM350) u zijuh kien hallashom. Joe Galea ried jaghtieh minnhom u z-ziju ma riedx. Jaf ukoll li kien hemm darba minnhom li zijuh qabbad ragel biex jaghmel xi art tal-irham ghal Galea u ma hadlux flus lanqas. Zijuh kien kera ukoll il-libsa ghat-tifel ta' Galea biex jaghmel il-grizma biha. Fil-fatt Joe Galea kien jghid li z-ziju tieghi kien qisu missieru. Dan jafu ghax qalulu zijuh stess.

Rat ix-xhieda tal-attur **Joseph Galea** tal-15 ta' Frar 2011 fejn in kontro-ezami ddikjara illi huwa minnu illi l-hbiberija tieghu mal-mejjet Saver Scerri kienet ghax kellhom l-istess delizzju taz-zwiemel. Huwa kkonferma illi bejnu u bejn Saver qatt ma kellhom problemi sakemm dam haj. Huwa zied illi tal-pjacir li huwa kien jaghmel lil Saver qatt ma talbu hlas. Lanqas hu qatt ma talab lill-attur flus talli hu zammlu xi haga. Huwa kkonferma wkoll illi gurnata minnhom Saver kien kera garaxx biex izomm l-affarijet

tieghu go fih. F’dan il-garaxx Saver kien izomm karrettun, xarretta u serkin. Sa fejn kien jaf hu, dawn kienu l-affarijiet li kien izomm Saver fil-garaxx. Iz-ziemel hu ta’ Saver pero’ kien jinzamm fir-remissa tal-attur.

Huwa cahad illi z-zewg arnezi, it-tliet serkini u x-xarretta li qed titlob l-armla ta’ Saver kienu originarjament fis-sena elfejn u tlieta (2003), jinzammu fil-garaxx tieghu. Huwa sostna li fil-fatt dak li kien hemm kien karrettun, xarretta tar-roti tal-injam u serkin. Huwa kkonferma li dawn jinsabu fil-proprjeta’ tan-neputi ta’ Saver. Dak li qalu Maria Scerri u n-neputi taghha Spiru, huwa gideb li effettivament l-affarijiet li huma qed jitolbu llum huma differenti minn dawk l-affarijiet li kien hemm dakinhar.

Huwa kkonferma li huwa kien xtara karozzella u biex Saver ikun jista’ jarma z-ziemel bil-kumdita’ fil-post tieghu, l-attur kien qed izommlu l-karozzella fil-post tieghu. Ix-xhud cahad illi sabiex Saver Scerri zammlu l-karozzella, huwa kellu jpoggi l-affarijiet tieghu li kienu zewg arnezi, tliet serkini u xarretta fil-garaxx tal-attur. Qal li mhux minnu li Saver kellu effettivament zewg arnezi, tliet serkini u xarretta.

Mistoqsi kif miet Saver, hu qal illi minn dak li qalulu kien miet f’April tas-sena elfejn u tmienja (2008) b’puplesija, inqatghatlu xi vina. Huwa tenna li n-neputi ta’ Saver qal li fil-fatt kien miet l-isptar. Huwa sostna li qatt ma mar jarah l-isptar u lanqas biss kien jaf li kien qieghed l-isptar. Huwa kkonferma li xi tlett gimghat qabel dahal l-isptar hu kien talbu jbieghlu xi ingenji taz-zwiemel, pero’ ma ftehmux dwar il-prezz. L-attur kien talbu jbieghlu karettun, xarretta bir-roti tal-injam u z-ziemel armat bis-serkin u l-arness tieghu. Il-karettun u x-xarretta kienu mizmuma ghand Saver Scerri.

L-attur kien ha l-karozzella lura minghand Saver qabel ma miet. Fil-fatt kien ha l-karrettun, ix-xarretta u l-karozzella. Imbaghad kien cempel lill-attur in-neputi ta’ Saver Scerri u kien talbu sabiex inizzel l-affarijiet kollha ghandu u huwa nizzilhomlu fejn kienu. L-attur ikkonferma li hu kien baghat ic-cavetta tal-garaxx mat-tifel ghand Saver u Saver beda

jirrabja mieghu u qallu li huwa ma kien talbu xejn. Iddikjara li jaf li Spiru kien talab cavetta lit-tifel u t-tifel kien tahielu. Sussegwentement qal li Spiru ha dawn l-affarijiet fil-garaxx tieghu. Huwa minnu li l-attur kellu cavetta tal-garaxx ta' Saver pero' kien baghthielu lura mat-tifel.

Huwa ddikjara li ghandu ziemel, serkin u arnes ta' Saver. Ikkonferma illi Spiru kien cempillu fejn qallu li l-attur kien tah il-karettun u x-xarretta u talbu biex jigi ghall-kumplament tal-ingenji. L-attur kien wiegbu li huwa dejjem ikun jista' peress li jzomm dawn l-affarijiet taht id-dar u talbu biex igib iz-ziju mieghu. Pero' z-ziju baqa' ma hadux. Ried illi jsir hekk biex iz-ziju jkun jaf x'ghandu u x'mghandux. Huwa tenna illi dan kien mhux gimghatejn qabel ma' miet Saver Scerri imma hafna qabel. Tant hu hekk illi Spiru kien sahansitra mar l-ghassa u kienu baghtu ghalih l-ghassa biex staqsewh hekk huwa ghandux xi affarijiet ta' Saver Scerri u ma riedx jaghtihomlu. Huwa kien stqarr mieghu li effettivament kellu affarijiet ta' Saver Scerri pero' kien lest li jaghtihom lil Saver Scerri meta dan kien jitlobhomlu. Huwa seta' jghid illi kienet harget ukoll sahansitra citazzjoni u kien tela' l-Qorti fejn hareg illiberat.

L-attur qal illi l-ahhar li mar ghandu Saver Scerri kien f'Ottubru ta' l-elfejn u sebgha (2007). Kien cempillu u qallu biex johodlu hsieb iz-ziemel, kellu wkoll zewgt iklieb u qallu li l-mara tieghu kienet ma tiflahx. Saver Scerri waqaf imur ghandu minn mindu kienet marditlu l-mara. Xtaq jghid ukoll illi Saver Scerri kien qallu li l-affarijiet li kellu in konnessjoni maz-zwiemel li kien izommlu huwa kienu ghalih l-attur. Huwa stqarr li din il-konversazzjoni kienet saret ukoll quddiem Alfred Gallo u dan kien effettivament mar biex jixtri l-karettun. Lit-tifel tal-attur meta kien mar bic-cavetta qallu, "dawn huduhom, taghkom, tistghu taghmlu li tridu bihom". Mistoqsi min kienu dawn in-nies qal illi bhalissa ma gewhx f'mohhu, pero' kien jaf li thaddtu quddiem in-nies.

Joseph Galea sostna illi z-ziemel ma jghix bl-arja u verament ghamel spejjez biex zammu haj. Iz-ziemel fil-fatt kien ghadu haj. Mistoqsi jekk ghandux ircevuti ta' dawn l-

ispejjez, qal illi iva ghandu u kien lest li jgibhom fis-seduta li jmiss.

Rat in-nota u prospett ta' infieq pprezentata minn Joseph Galea fil-31 ta' Mejju 2011 fejn espona:

*"**Gwiez***
*Illi l-attur ghandu hames (5) zwiemel fl-istalla tieghu; kull ziemel jikkonsma tmien (8) kilo gwiez kuljum. Qed jigu annessi ricevuti mmarkati Dok JG1 li jindikaw dak li jixtri l-attur ghaz-zwiemel kollha tieghu; ziemel jiekol il-Polished Barley u Horse cubes. Jekk wiehed ikollu jaghmel kalkolu matematiku jirrizulta hekk:*

*25KG = EUR 7.45 = (EUR 7.45 ÷ 25 kilo) = 0.29 per kilo x 8 KG =* ***<u>€2.38 ghal gwiez kuljum.</u>***

***Tiben***
*Illi kull ziemel jikkonsma zewg (2) balal tiben fil-gimgha. Dan jigi imferrex madwar iz-ziemel u jinbidel dak li huwa ihammeg madwaru kull gimgha. Kull balla tiben tiswa sitt Ewro (€6) – allura tnejn (2) fil-gimgha =* ***Eur 12 fil-gimgha Dok JG 2 = <u>Eur 1.71 kuljum</u>****.*

***Caghna***
*Illi kull ziemel jikkonsma balla caghna fil-gimgha. Din tithallat mat-tiben fl-art tal-istalla. Kull balla caghna tiswa hdax-il Ewro (€11), allura ghandek spiza ta'* ***Eur 11 fil-gimgha Dok JG 2 = <u>Eur 1.57 kuljum</u>****.*

***Naghal***
*Kull ziemel ghandu bzonn nala fix-xahar. L-ispejjez tan-naghal jammontaw ghall-****Eur 14 jew Eur 12 fix-xahar Dok JG3 – JG4 = <u>Eur 0.40 kuljum</u>****.*

***<u>Total ta' spejjez kuljum = Eur 6.06</u>***

*L-attur f'affidavit tieghu kien diga indika li sabiex izomm ziemel trid minn tal-inqas zewg liri Maltin (Lm2) kuljum.*

*L-attur kien qal:*

*Ghalf taz-ziemel peress illi Saver ma kienx baqa jigi r-remissa minn Ottubru 2007 peress illi l-mara kienet mardet. Nikkalkula illi jiena* ***nonfoq Lm2 kuljum*** *ghall-ikel u nghal u kwalunkwe bzonn illi jkollu z-ziemel, minn Ottubru 2007 sa Ottubru 2009 dan jammonta ghal tlett elef u erbgha mitt Ewro (€3,400) ekwivalenti ghal elf, erbgha mija u sittin lira Maltin (Lm1,460).*

*Nghid ukolll illi jiena qed inzomm dan iz-ziemel gewwa stalla fejn qieghed jiehu post zwiemel ohra. Nikkalkula illi stallel ohra izommu rata ta' bejn hamsa w ghoxrin ira Maltin (Lm25) sa hamsa w tletin lira Maltin (Lm 35) bhala renta fix-xahar. Ghal fini ta' din il-kawza nikkalkula illi jiena ilni nzomm dan iz-ziemel ghal sentejn bir-rata ta' tletin Ewro Lm 30 = (30x24 months) = elf u sitt mija w sebgha u sebghin Ewro ( €1677) ekwivalenti ghal sebgha mija w ghoxrin lira Maltin (Lm 720);*

*Illi jinghad li ma hemmx kontestazzjoni u Maria Scerri ammettiet li z-ziemel kien ilu ghand Galea u li zewgha ma kienx qieghed imur jaghlfu tul l-ahhar xhur qabel ma miet, tant huwa hekk li hija offriet u dan jirrizulta anke minn xhieda taghha li thallas lil Galea biz-ziemel u b'xi oggetti ohra tal-ispejjez li huwa kien inkorra. Ma kienx hemm konstestazzjoni fuq dan il-fatt, izda biss fuq il-quantum.*

*L-attur mhux qieghed jitlob biss l-ispejjez li huwa nkorra izda anke l-post li z-ziemel qieghed jokkupa fl-istess stalla u cioe' l-kirja tal-istalla.*

*Tant ghandu x'jissottometti l-attur."*

Rat in-nota tal-attur ta' l-1 ta' Lulju 2011 li permezz taghha pprezenta dokument anness u ddikjara illi z-ziemel li kien fil-kustodja tieghu miet hekk kif irrizulta mill-istess certifikat.

**Joseph Galea** xehed nhar is-27 ta' Settembru 2011 u mistoqsi jekk Saver kienx ihallsu l-kera minn dejjem talli kien izommlu iz-ziemel wiegeb li le ma kienx ihallsu kera, kien jixtri ghaz-ziemel tieghu caghna u xi affarijiet ohra. Huwa tenna li Saver kellu ziemel armat ghandu, armat fis-

sens li kellu l-arness, is-serkin, u sussegwentement kellu karettun u xaretta bir-roti. Enfasizza li s-serkin u l-arness ta' maz-ziemel biss kellu. Il-karrettun u xarretta illum jinsabu ghand in-neputi tieghu Spiridione Scerri waqt li l-arness u s-serkin jinsabu ghand ix-xhud. Apparti dawn l-affarijiet qatt ma' zammlu xejn aktar.

Mistoqsi jekk jafx lil Martin Vassallo qal li jafu u dan ghaliex ghandu l-istess negozju bhal tieghu. Huwa sostna li huwa wkoll mithla tieghu kif ukoll ta' Saver fejn ghandhom x'jaqsmu iz-zwiemel. Hu minnu li kien izomm ukoll karozzella ghal Saver, anzi kkorrega ruhu u qal li mhux kien izomm il-karrozzella ta' Saver imma il-karrozella kienet tieghu u kien izzommhielu  Saver, u fiha daqs bejn wiehed u iehor ta' karozza zghira.

Mistoqsi kemm jiswa arness wiegeb li dan jiswa bejn wiehed u iehor xi mitejn lira maltin filwaqt li serkin jiswa xi mija u ghoxrin lira maltin. Rigward xarretta ma jistax jaghti valur ghax dawn ivarjaw bejn mija u hamsin sa xi sitt mija 'l wiehed. Mistoqsi biex miet iz-ziemel qal li jafx. Jaf li kien mar fil-ghaxija u sabu  mejjet. Ic-certifikat li pprezenta huwa dak li tah il-biccerija.

Mistoqsi ghaliex m'ghandux id-dettalji qal li c-certifikat mhux hu kitbu izda dawk tal-biccerija. Qal li dan iz-ziemel kien xtrah Saver seba' (7) snin ilu ghal prezz ta' tlett mija lira Maltin (Lm300). Illum kieku ghadu haj ghandu dsatax (19) il-sena u naturalment ghalhekk illum jiswa hafna inqas. Jaf fid-9 ta' Settembru 2008 kien ircieva ittra biex jirritorna l-affarijiet lill-armla ta' Saver.

Mistoqsi ghaliex ma rritornahomx sallum qal li meta kien cempillu Spiru kien talbu l-affarijiet li ma' kienux ta' Saver, u Spiridione Scerri kien jaf li kellu jtih ta' sebgha xhur gwiez u affarijiet simili u ma riedx ihallsu taghhom. Nies li xehdu bl-affidavit u li gabhom bhala xiehda jafu l-affarijiet di scienza propria ghax kienu prezenti.

Rat ix-xhieda ta' **Samuel Galea** tad-9 ta' Novembru 2011 fejn ikkonferma li l-attur huwa missieru. Mistoqsi jekk jiftakarx il-mejjet Saver, qal li iva jiftakru u jaf li kienu hbieb

ghax kellhom l-istess delizzju taz-zwiemel u jedhew fih. Mistoqsi jekk qattx talbu xi hlas bejniethom lil xulxin qal li ma jafx. Mistoqsi wkoll jekk meta gie nieqes Saver, missieru kellu xi affarijiet tieghu fil-garaxx tieghu, qal li iva jaf, jaf li kien hemm xarretta u karettun ta’ Saver. Huwa ddikjara li dawn jinsabu gol-garaxx tal-Imsida li kellu missieru. Mistoqsi jekk missieru fil-passat kienx izommlu xi affarijiet ohra qal li ma jafx. Huwa sostna li ma tantx huwa midhla tal-garaxx.

Huwa kkonferma illi Saver kellu garaxx pero’ qatt ma mar go fih ix-xhud. Ma kienx jaf jekk missieru kellux kopja tac-cavetta ta’ dan il-garaxx ta’ Saver. Ix-xhud ikkonferma li Saver miet f’April tas-sena elfejn u tmienja (2008). Huwa ddikjara li ma jiftakarx li kien mar ghand Saver xi tliet gimghat qabel miet biex ibieghlhom xi affarijiet taz-ziemel. Mistoqsi jekk jafx lil Martin Vassallo, qal li ma jafux.

Ix-xhud qal li jekk mhux sejjer zball mart Saver mietet fis-sena elfejn u sebgha (2007). Huwa ddikjara li ma jafx kemm kien jiswa z-ziemel ta’ missieru meta miet. Huwa kkonferma li missieru kellu karozzella pero’ fejn kien izommha ma jafx. Missieru kellu cavetta tal-post li kien kera Saver, pero’ ma kienx jaf fejn kien izommha din il-karozzella missieru. Ix-xhud qal li ma kienx jaf x’kien jaghmel bih missieru z-ziemel ta’ Saver. Huwa stqarr illi missieru kellu z-ziemel tieghu biex juza mal-karozzin.

Ikkunsidrat:

Illi f’din il-kawza Joseph Galea, l-attur qieghed ifittex lill-konvenuta Maria Scerri ghas-servigi li huwa rez lil zewgha id-defunt Saverio Francesco Scerri ghal perjodu ta’ zmien, u cioe’ minn Ottubru 2007 sakemm miet u dan in konnessjoni u limitatament maz-zamma taz-ziemel flimkien ma’ xi oggetti konnessi ma’ dan l-istess ziemel proprjeta’ tad-decujus u ghal kera ta’ stalla proprjeta’ tieghu fejn inzamm l-istess ziemel ghal dawn l-ahhar ghaxar (10) snin.

Ghalhekk din il-Qorti ghandha zewg (2) kwistjonijiet quddiemha dik ta’ servigi, u dik ta’ kera ta’ stalla.

Rigward l-ewwel istitut legali u cioe' servigi il-Qorti ghandha is-segwenti xi tghid bhala konsiderazzjoni ta' dritt.

Hawnhekk din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-ismijiet '**Guzeppi Borg vs Emanuel Azzopardi',** deciza nhar id-19 ta' Mejju 2005 fejn inghad li:-

"*Huwa stabbilit li l-bazi ta' azzjoni ghal servizzi moghtija tregi fuq zewg sisien: jigifieri, fuq il-kwazi kuntratt u fuq il-prezunzjoni li min jaghti servizz lil haddiehor jaghmel hekk bil-fehma li jithallas ta' dak li jaghmel. Minbarra dan, ilu zmien twil accettat li l-hlas ta' servigi jista' jkun dovut mhux biss jure actionis, jigifieri meta huwa miftiehem, imma wkoll officio judicis, jigifieri meta mic-cirkostanzi jkun jidher sewwa li min ta dak is-servizz ried li jithallas tieghu jew kien imwieghed hlas ghalih. Biex wiehed jasal biex jara jekk persuna kellhiex il-fehma jew l-istennija li tithallas, ghandu jitqies il-waqt meta nghataw tali servizzi, ghaliex ic-cirkostanzi li jsehhu wara ma jservux biex joholqu b'lura dritt ta' fehma li ma kinitx l-intenzjoni tal-partijiet li joholqu;........ Biex titwaqqa' l-prezunzjoni li servigi nghataw gratuwitament, jehtieg li min jallega li x-xoghol sar b'xejn irid igib provi tajbin u konvincenti bizzejjed biex iwaqqaghha.*" (ara ukoll f'dan is-sens '**Joseph Portelli Et vs Rik Limited',** deciza 16 ta' Dicembru 2003).

Dwar l-animus tal-prestant li jithallas issir referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili nhar it-28 ta' Marzu 2003 fl-ismijiet '**Francis Borg vs Carmen Gaffiero et'** fejn gie ritenut li:

*"In materja ta' pretensjoni ghal servigi rezi, il-gurisprudenza taghna irregistrat dan l-izvilupp;*

*Jezistu decizjonijiet li kienu jirritjenu li ebda kumpens ma hu dovut meta l-vinkolu tal-konsangwinita` huma stretti, meta min jippresta s-servigi ma jkunx sofra perditi materjali, imma jkun inkomoda ruhu personalment, meta*

*ma jkunx hemm cirkostanzi li juru bic-car illi tant mill-parti ta' min jippresta s-servigi kemm ukoll minn dak li a favur tieghu huma prestati kien hemm l-intenzjoni ta' kumpens.*

*Gja pero` minn zmien antik gie ritenut illi minkejja li kumpens ghal servigi mhux dovut jekk ma jkunx gie miftiehem, jew jekk il-prestant ma kellux l-intenzjoni li jithallas, madanakollu l-prestazzjoni gratuwita ma tistax tigi prezunta, u l-animus donandi u r-rinunzja ghal retribuzzjoni m'ghandhomx jigu facilment akkolti - anki jekk is-servigi jigu prestati bi speranza ta' xi vantagg iehor, jekk dan ma jsehhx minhabba l-fatt mhux imputabbli lill-prestant.*

*L-indirizz l-aktar recenti fuq is-suggett hu dak li s-servigi jigu prestati bi speranza ta' kumpens jekk ma jikkonkorrux cirkostanzi tali li jiggustifikaw konkludentement il-gratuwita` sija pure minhabba relazzjoni ta' parentela. Dan ghaliex il-gratuwita` u r-rinunzja ghall-kumpens ma ghandhomx jigu akkolti facilment."*

Dwar il-quantum li ghandu jinghata fir-rigward ta' servigi il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili  nhar il-11 ta' Dicembru 2003 fl-ismijiet '**<u>Anthony  Catania pro et noe et vs Maria Agius</u>'** fejn inghad li:

*"Ghall-finijiet tal-quantum tas-servigi wiehed ghandu jzomm f'mohhu (i) il-frekwenza u x-xorta tas-servigi; (ii) il-mezzi tal-konvenuta li benefikat mill-prestazzjonijiet u (iii) il-parentela ta' l-attur mal-konvenut.*
*Konsiderazzjonijiet ohra li gieli gew konsidrati mill-Qorti taghna huma jekk il-qaddej ikiddx l-istess sahtu biex jaqdi lill-haddiehor, jekk humiex affarijiet li mhux kulhadd kapaci jidhol ghalihom, bhal meta il-qaddej idur bil-persuna tal-moqdi (ez. hasil), u jekk il-qaddej jinkorrix spejjez li taghhom ma jkunx gie rimborsat fil-mument tal-hrug taghhom.*

*Bhala regola generali, l-kumpens moghti jkun, ftit jew wisq, imdaqqas meta l-beneficcjarja tkun marida jew*

*mhux mobbli, b'mod li jkollha bzonn assistenza personali u kontinwa.*

*Minn studju tal-gurisprudenza lokali, wiehed jista' jsib li l-kumpens akkordat ma jkun qatt f'ammonti kbar u dan peress li s-servizzi jinghataw kwazi dejjem minhabba ragunijiet ta' parentela bejn il-partijiet, u anke ghaliex it-talba ghal-hlas ta' servigi hi bazata fuq kwazi - kuntratt, u mhux fuq kuntratt li nholoq bejn minn jirrendi s-servigi u l-beneficcjarju, u kwindi l-kumpens ma jkunx relatat biss mas-servigi, izda ghandhom jittiehdu in konsiderazzjoni diversi fatturi ohra li, ftit jew wisq, inaqqsu r-relazzjoni ekonomika bejn is-servigi resi u l-hlas relattiv. Dan iwassal biex il-kumpens ma jkun qatt l-ekwivalenti tax-xoghol li sar, izda adegwat mehud kont tac-cirkostanzi kollha partikolari tal-kaz."*

Dan kollu intqal peress illi fit-tielet eccezzjoni l-konvenuta tghid li "*kien hemm ftehim bejn l-attur u d-defunct, zewg l-intimata Francesco Saverio Scerri li kien jipprovdi ghal servizzi reciproci bejn l-istess fuq bazi amichevoli."*

Il-Qorti ghalhekk fliet ix-xhieda prodotta mill-partijiet b'mod partikolari mill-attur f'dan il-kaz, liema xhieda huwa ressaq sabiex jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-attur verament ippresta servigi.

**Alfred Dunlop** xehed u spjega illi huwa kien imur spiss fil-garage ta' l-attur. Spjega illi dan jinsab taht id-dar tieghu u hemmhekk kien jara lill-attur jiehu hsieb iz-zwiemel tieghu u dak ta' Saver.  Jghid li kien hemm xi zmien meta kien jara lil Saver hemm izda wara Ottubru 2007, meta mardet il-mara tieghu Saver ma nizilx aktar fil-garaxx ghalkemm kellu iz-ziemel tieghu hemmhekk. Jghid li sa dakinhar li xehed, iz-ziemel tal-mejjet Saver kien ghadu ghand l-attur u kien jixtrilu l-ikel hu.

**Samuel Galea** ikkonferma li missieru l-attur kien izomm xi armar taz-ziemel tal-mejjet Saver (fosthom xaretta u Serkin ghalkemm dawn ghal xi zmien) flimkien maz-ziemel stess gewwa il-garage li ghandhom taht id-dar residenzjali taghhom. Spjega li z-ziemel zammu ghal snin

twal u kien jaghlfu, jaghmillu in-naghal. Ikkonferma li sabiex izzomm ziemel trid tonfoq mill-inqas zewg liri Maltin (Lm2) kuljum. Qal li ghal bidu Saver kien ihallas ghall-ikel taz-ziemel izda meta mardet il-mara tieghu f'Ottubru 2007 ma marx aktar fil-garaxx u ma baqax ihallas ghall-ikel taz-ziemel u missieru kien jiehu hsieb l-ispejjez kollha li jikkoncernaw iz-zamma ta' dan iz-ziemel. Stqarr li kienu hbieb u meta kien l-isptar sahansitra anke ikel l-isptar kien johodlu ghaliex tfal dan Saver ma kellux.

**Sandro Pace** stqarr li kien imur fil-garaxx ta' l-attur l-Imsida b'mod regolari, darba fil-gimgha, pero' xi drabi qabez xi gimgha u lil Saver ma kienx jarah hemm. Jaf li l-attur kien jiehu hsieb iz-ziemel ta' Saver u qatt ma rah ihallsu xi flus.

**Martin Cassano** iddikjara illi ghandu store fl-istess triq fejn ghandu r-remissa l-attur u li jiftah dan l-istore kuljum filghodu u filghaxija u seta' jghid illi ilu jaf lill-attur mill-elf disgha mija u erbgha u disghin (1994) u dejjem jafu jghix hemmhekk. Huwa kien iltaqa' ma' Saver ghand l-attur. Gieli tkellmu u anke kienu jiehdu kafe ghand il-attur gewwa r-remissa jew fuq l-ghatba. Jghid li Saver kien qallu li mnalla kien sab lill-attur u li kien jghaddi ftit hin ghandu peress illi tfal ma kellux u li kien imur hdejh peress li kien johodlu hsieb iz-ziemel u kien ilu jaghmel dan ghal dawn l-ahhar snin. Martin Cassano kkonferma illi l-attur kien u ghadu jzomm dan iz-ziemel u li kien jiehu hsiebu kompletament billi jnaddfu u jghalfu . Huwa tenna illi bejn wiehed u iehor dan iz-ziemel kien ilu ghand l-attur ghal erba' snin. Qal illi x-xih kien ihallas ghal gwiez, izda qatt ma hallas ghal ebda kera jew xi kumpens lill-attur ghas-servizzi tieghu jew ghal xi kera tar-remissa. Martin Cassano kkonferma illi meta l-mara ta' Saver mardet f'Ottubru 2007, Saver ma baqax imur ir-remissa. Iz-ziemel kien hallieh xorta ghand l-attur li kien baqa' jiehu hsiebu bl-istess mod. L-attur kien stqarr mieghu illi Saver, wara li kienet mardet il-mara tieghu, mhux biss ma kienx resaq lil hemm, talli ma kienx qed ihallas ghall-gwiez u li kien qed jiehu hsieb kollox l-attur. Sostna illi l-attur johrog iz-ziemel darbtejn fil-gimgha biex iz-ziemel ma jimradx.

**Victor Pace** stqarr li kien ikun kwazi kuljum fir-remissa tal-attur peress illi huwa dilettant taz-zwiemel. Qal li hemmhekk kien jiltaqa' mal-mejjet Saver li kellu ziemel ghand l-attur. Huwa tenna illi Saver kien jipprovdi l-gwiez ghaz-ziemel tieghu. L-arrangament kien illi meta Galea kien jixtri l-gwiez ghaz-zwiemel tieghu, kien jixtri xkora ghal Saver li kien ihalliha fir-remissa ta' Galea halli z-ziemel jaghlfuh minnha. Huwa gieli sema' lill-attur jghid li meta il-gwiez tax-xih kien jispicca, kien jiehu hsieb ta' kollox hu. Ix-xhud pero' sostna illi minn Ottubru 2007 Saver ma resaqx iktar lejn ir-remissa ta' Galea peress illi kienet marditlu l-mara u ried idur biha. Iz-ziemel kien baqa' jigi mizmum, ikkurat u mitmum minn Galea, din id-darba a spejjez kompletament tieghu. Galea kien baqa' ghaddej bl-istess procedura illi jiehu hsieb dan iz-ziemel u jhallas mhux biss ghall-ikel tieghu izda ghal kull bzonn li seta' jkollu. Huwa jaf illi anke kien gieli johrog l-istess annimal biex jaghmel xi ezercizzju u jippassigah. Huwa ddikjara li gieli gablu t-tabib u anke gieli ghamel iljieli mieghu.

Victor Pace kkonferma illi l-attur kien qallu li kellu xi kontijiet pendenti peress illi x-xih ma kienx resaq lil hemmhekk. Sa fejn kien jaf hu dawn il-kontijiet ghadhom ma thallsux. Huwa kkonferma illi dan iz-ziemel ghadu ghand Galea sal-lum u anke wara l-mewt ta' Saver, Galea ghadu ma thallasx tal-ispejjez u tax-xoghol li sar u li kien ghadu qed isir.

Illi ghalhekk minn dawn il-provi l-attur irnexxielu jipprova ghas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-mejjet Saverio Francesco kellu ziemel ghand l-attur flimkien ma' xi accessorji tieghu li l-attur kien ghamel zmien jiehu hsieb dan iz-ziemel. Dan il-fatt ma hux kontestat lanqas mill-armla tal-mejjet u dan ghaliex **Maria Scerri** fix-xhieda taghha tghid li kienet taf li zewgha kellu hbiberija ma' bin Salvu Galea, u cioe' l-attur, u dan ghaliex kellhom l-istess delizzju taz-zwiemel. Qalet li meta Salvu miet baqa' habib mal-attur. Qalet li taf ukoll li l-attur kien izomm xi xaretta u oggetti ohra li kienu proprjeta' tieghu ghaliex ma kellux fejn izommhom u li wara li miet zewgha kienet baghtet lin-neputi taghha Spiridione Scerri sabiex jiehu l-affarijiet lura. Ta'

importanza fix-xhieda taghha hija tghid li tiftakar ukoll li meta kien miet ir-ragel taghha, sabiex ma tispiccax il-Qorti kienet offriet lill-attur izomm iz-ziemel proprjeta' tar-ragel taghha li hu kien qieghed izommulu fir-remissa tieghu, kif ukoll li jhallsuh ghal xi tlett xhur gwiez. Ikkonfermat li zewgha pero' kien imur fil-garaxx ta' l-attur u jitma' z-ziemel ta' l-attur ukoll u gieli kien jizbghalu xi hitan tar-remissa wkoll.

**Spiridione Scerri** in-neputi ta' Maria Scerri jikkonferma li kien jaf li zijuh kien ihallas lill-attur ghall-gwiez li kien jixtri sabiex jitma iz-ziemel ta' Saver u li gieli kien ihallaslu xi spejjez li kellu wkoll. Ikkonferma li verament l-attur kien izomm iz-ziemel ta' Saver u li kien izommlu wkoll xi accessorji tieghu pero' cahad li l-attur kien jiehu hsieb iz-ziemel wahdu u li kien jitimghu.

Ghalhekk minn dawn il-provi ma hemmx dubju li l-provi imressqa mill-attur ghandhom aktar mis-sewwa u huma aktar kredibbli fic-cirkostanzi anke fid-dawl ta' dak li qalet il-konvenuta li xtaqet li tikkumpensa lill-attur ghas-servigi tieghu billi ittih iz-ziemel u thallsu ghal tlett xhur gwiez. Dan ifisser li kienet konxja li l-attur kien intitulat ghal hlas ghas-servizz li ta.

Jirrizulta li kien hemm zmien meta Saver kien jikkontribwixxi ghaz-zamma ta' dan iz-ziemel u li kien jghalfu u inaghlu hu u anke jixtri l-gwiez, kif del resto stqarr l-attur stess, pero' minn Ottubru 2007 sa meta miet Saver u cioe' fil-11 ta' April 2008 l-attur ha hsieb dan iz-ziemel wahdu. Jirrizulta wkoll li l-konvenuta kienet interpellat lill-attur sabiex tirritorna z-ziemel u l-accessorji proprjeta' ta' Saver appena miet zewgha (fid-9 ta' Settembru 2008) u ghalhekk bhala depozitarju huwa kellu jirritorna lura z-ziemel appena jigi hekk mitlub, haga li ma ghamilx u ghalhekk issa jrid ibati l-konsegwenzi tad-decisjoni li ha.

Jinghad li ghalkemm l-attur kellu xi pretensjoni minghand Saver zgur li ma setghax arbitrarjament jiddeciedi li jzomm iz-ziemel bhala kumpens ta' dak li kellu jiehu. Il-Qorti ghalhekk hija propensa li tillikwida is-servigi rezi lill-

mejjet Saver ghall-perjodu ta’ Ottubru 2007 sal-11 ta’ April 2008 meta miet.

Jirrizulta li dawn is-servigi jridu ukoll jinkludu l-ispejjez li huwa nefaq sabiex zamm dan iz-ziemel haj u is-servigi jirreferu ghaz-zamma taz-ziemel u tal-hsieb li huwa ha fuqu konsistenti billi naghlu meta kien hemm bzonn, hargu fit-triq sabiex jaghmillu l-ezercizju, naddaflu kuljum, gablu l-Vet meta kien hemm bzonn u kull haga li hija inkluza fit-trobbija ta’ l-annimali.

Bhala spejjez l-attur pprezenta prospett mahdum fuq dik l-offerta li l-istess konvenuta ghamlet u cioe’ iz-zamma taz-ziemel u li thallsu ghal gwiez li xtara ghal perjodu ta’ zmien. Dwar il-prosett esebit nhar il-31 ta’ Mejju 2011 ma jidhirx li hemm kontestati dwar il-valuri hemm imsemmija u dan ghaliex il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova konkreta kuntrarja ghal dak hemm imsemmi dwar valur. Jinghad ukoll li l-attur ipprezenta numru ta’ ricevuti sabiex jissostanzja it-talba tieghu (vide fol. 40 et seq). Huwa kkonkluda li kien jonfoq is-somma ta’ zewg Ewro u tmienja w tletin Ewro centezmu (€2.38) kuljum ghal gwiez, Ewro u wiehed u sebghin Ewro centezmu (€1.71) kuljum ghat-tiben, Ewro u sebgha w hamsin Ewro centezmu (€1.57) kuljum ghac-caghna, u is-somma ta’ erbghin Ewro centezmu (€0.40) kuljum ghan-naghal. Total ta’ spejjez kuljum ta’ sitt Ewro u sitt Ewro centezmi (€6.06) u cioe’ ghalhekk minn 1 ta’ Ottubru 2007 sad-9 ta’ Settembru 2008 (meta gie interpellat sabiex jirritorna iz-ziemel) huwa nefaq bhala spejjez is-somma ta’ €6.06 x 344 granet, li huma eqwivalenti ghal elfejn u erbgha u tmenin Ewro w erbgha u sittin Ewro centezmu (€2,084.64). Oltre dan pero’, din il-Qorti tiddikjara li l-konvenuta ghandha thallas is-somma ta’ hames Ewro (€5) kuljum bhala kumpens ghas-servigi moghti lil Saver fiz-zamma taz-ziemel u ghalhekk totalment huwa dovut is-somma ta’ disa’ mija u hamsa u sittin Ewro (€965) (€5 x 193). B’kollox ghalhekk l-konvenuta dwar l-ewwel talba tas-servigi ghandha thallas lill-attur is-somma ta’ tlett elef, u disgha w erbghin Ewro u erbgha’ u sittin Ewro centezmu (€3,049.64). Dan l-ezercizzju qed isir in linea ta’ dak li intqal fis-sentenza kif qalet din il-Qorti fil-kawza “**<u>Ellul vs Micallef</u>”,** deciza fl-24

ta' Frar 1997, hemm dritt ta' *uis retentionis* kull meta dak li jipposjedi oggett ta' haddiehor *"abbia fatto per la cosa posseduta una spesa, della quale ha il diritto di reclamare il pagamento dal propretario"* (Zacchariae Vol II pag. 59).

Dwar it-talba tal-attur sabiex jithallas ghall-kera ta' l-istalla ghal perjodu ta' ghaxar snin, il-Qorti jidhrilha li fid-dawl tal-provi kollha migjuba u minhabba il-hbiberija li kien hemm bejn l-attur u l-mejjet Saver, tant li jidher li kienu jibbazzikaw hafna flimkien l-attur huwa intitolat ghal kera biss ghall-istess perjodu u cioe' mill-1 ta' Ottubru 2007 sad-9 ta' Settembru 2008 u dan il-Qorti qed tillikwida *arbitrio boni viri* is-somma ta' tlieta u disghin Ewro u sbatax-il Ewro centezmu (€93.17) fix-xahar (ekwivalenti ghal Lm40 mensilment) li jammonta ghal elf u erbgha w ghoxrin Ewro u sebgha u tmenin Ewro centezmu (€1,024.87) ghal hdax-il xahar.

B'hekk il-Qorti qed tillikwida is-somma dovuta lill-attur ghal erbat elef u erbgha u sebghin Ewro u wiehed u hamsin Ewro centezmu [€1,024.87 + €3,049.64 = €4,074.51].

**Ghaldaqstant, din il-Qorti qeghda, filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet kollha tal-konvenuta salv ghar-raba' eccezzjoni li qed tigi milqugha, qeghda tilqa' it-talba attrici b'dan illi qed tillikwida s-somma li ghandha tithallas lill-attur rapprezentanti spejjez u sborzi illi huwa ghamel bhala parti mill-kura taz-ziemel, bhala kera ta' l-istalla ghaz-zamma taz-ziemel u oggetti ohra fis-somma ta' erbat elef u erbgha u sebghin Ewro u wiehed u hamsin Ewro centezmu (€4,074.51) u tordna lill-konvenuta thallas l-istess somma lill-attur.**

**L-ispejjez u l-imghax li jibda jiddekorri mill-lum huma a spejjez tal-konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------